**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mario Tonna]**

**vs**

**Sandro (Alexander) Cassano**

**Kumpilazzjoni Numru: 364/10**

**Illum, 22 ta' Jannar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Sandro (Alexander) Cassano detentur tal-karta tal-identita` numru 9667M gie akkuzat talli f'dawn b'diversi atti mghamulin fi zmenjiet differenti b'rizoluzzjoni wahda u cioe' bejn is-sena 2008 sas-sena 2010

Kellu fil pussess tieghu karta ta' L-identita jew kont fil- pussess ta' karta tal-identita' Nru 633030M ta- persuna ohra u cioe' ta' Maria Violet Cassano u naqas li jikkonsenja l-istess karta tal- Identita lill- awtorita awtorizzata jew lid-detentur ta' l-istess karta ta' l-identita u dan ai terminu tal- artikolu 18 tal-kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 12 tal-Kapitolu 258 tal- Ligijiet ta' Malta

U aktar talli matul l-istess perjodu ta' zmien imsemmi hawn fuq bil-hsieb li jqarraq jew jikser l-istess dispozizzjonijiet jew jaghmel xi dikjarazzjoni falza jew bil-hsieb li jghati xi taghrif falz jew jipproduci document falz zamm fil-

pussess tieghu limsemmija karta ta' l-identita imsemmija fl-ewwel akkuza u dan ai terminu tal- artikolu 18 tal- Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-artikolu 14 tal- Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli gewwa il- Floriana u diversi postijiet ohra fil- gzejjer ta' Malta nhar is-6 ta' Jannar 2009 u fi zemnijiet ta' Qabel iffalsifika att awtentiku u pubbliku, jew skrittura Kummercjali (u cioe' log book ta' vettura CAT408) b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zid, jew biddel klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan ai terminu tal-artikoli 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess dati lok u taht l-istess cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att kitba jew skrittura falza u/jew ta dikjarazzjoni falza u ghamel uzu mill-istess skrittura imsemmija fl-akkuza ta' qabel din ai terminu tal- artikolu 184, 185 186, 187 u 188 tal- kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat li l-imputat ikkontesta l-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali datati l-ewwel jum (1) ta' Settembru elfejn u ghaxra (2010) li bihom ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti titttratta u tiddeciedi din il-kawza bi procedura sommarja u dawn huma:

1. Artikoli 18 tal-Kap. 9 u Artikoli 12 u 14(1) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Artikoli 18 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Artikoli 18, 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Artikoli 18, 184, 185, 186, 187 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex din il-Qorti tiddeciedi dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda u d-dokumenti kollha kif ukoll rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat qed jigi akkuzat fost l-ohrajn illi ghamel reati kontra d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta billi meta mietet ommu dan ma rritornax il-karta tal-identita' tad-defunta u talli iffalsifika l-firma ta' ommu fil-*log book* meta gie biex ibiegh il-karrozza ta' ommu.

Illi qabel xejn din il-Qorti trid taghmel xi osservazzjonijiet rigward l-istqarrija tal-imputat stante li din giet mehuda minghajr id-dritt tal-avukat.

Illi kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali ***"Il-Pulizija vs Alvin Privitera"***:

> *"Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm*

*ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghall-avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. ... Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimeddjabbilment pregudikat meta huwa jirrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu. Illi f'dan il-kaz l-unika prova li hemm kontra l-appellant hija l-istqarrija li hu irrilaxxja meta ma kienx assistit minn avukat u se tintuza ghall-conviction tieghu."*

Il-Qorti kompliet:

"Ir-raguni tal-insistenza tal-Qorti Ewropeja dwar dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun difficli li l-pulizija tottjeni *conviction* mhux fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanc."

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubju li l-istqarrijiet tal-imputat u tax-xhud Yassin Ahmed gew rilaxxjati fiz-zmien meta l-ligi vigenti ma kinitx taghti dritt lill-persuna interrogata li tikseb parir legali. Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tiskarta dawn iz-zewg stqarrijiet bhallikieku qatt ma nghataw.

Ikkunsidrat:

Illi a rigward ir-reati taht il-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tistaghgeb ghaliex il-prosekuzzjoni ghazlet li takkuza l-imputat biss meta u mhux l-ahwa kollha u dan stante illi jekk kien hemm xi obbligu li tigi ritornata l-karta tal-identita' ta' omm l-imputat wara li mietet, dan certament ma kienx

obbligu fuq l-imputat biss izda fuq l-ahwa kollha. Huwa veru illi l-imputat kellu prokura generali minn ommu izda din il-prokura giet mitmuma meta l-omm mietet. Illi di piu' l-Kapitolu 258 senjatament l-Artikoli 12 u 14(2) ma jimponux dan l-obbligu u r-reati n-nuqqasijiet addebitati lill-imputat fl-akkuzi wiehed (1) u tnejn (2) ma jikkontemplawx reati skont dan il-Kapitolu u ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati tahthom.

Illi a rigward ir-reat ta' falsifikazzjoni tal-*log book* hareg mir-rapport tal-espert nominata mill-Qorti Dr. Juliana Scerri Ferrante fiz-zewg rapporti taghha immarkati Dok. JSF1 u Dok. JSF2 illi l-firma fuq il-*log book* esebit u li jinsab a fol. 55a tal-process, illi l-firma hemm kontenuta ta' Violet Cassano ma kinitx maghmula minn Violet Cassano u li ghalhekk hemm probabbilita' qawwija li din giet iffalsifikata. Izda minn analizi u komparazzjoni tal-firma tal-imputat Sandro Cassano, huwa wisq improbabbli li dan kien li ffalsifika din il-firma.

Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, jirrizulta illi ghalkemm l-imputat Sandro Cassano qatt ma jista' jigi kkundannat li materjalment iffalsifika dan id-dokument pubbliku ossija *log book* meta huwa ttrasferixxa l-karozza f'isem ommu u l-anqas li kien komplici fl-istess falsifikazzjoni ghaliex l-Artikoli tal-Avukat Generali ma jikkontemplawx ghal dan il-fatt, pero' l-imputat kien jaf li dan id-dokument kien iffalsifikat minn terzi.

Dan qed jinghad ghaliex fl-istess *log book* huwa ffirma bhala xhud tal-firma u tal-identita' ta' ommu Violet Cassano u kwindi, gialadarba gie stabbilit li dik il-firma ma kinitx saret minn ommu Violet Cassano, isegwi illi huwa ghamel dikjarazzjoni falza fuq dak id-dokument pubbliku u illi huwa uza tali dokument meta huwa pprezentah f'Awtorita' Pubblika u cioe' lil Transport Malta.

Illi ghal dawn il-motivi u maghmulin dawn il-kunsiderazzjonijiet l-imputat Sandro Cassano ma jistghax jinstab hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi stante li ma gewx ippruvati izda a rigward it-tielet (3) akkuza u wara li rat l-Artikolu 184, 185(2), 186 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **Alessandro (Sandro) Cassano** hati ta' din l-akkuza biss u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finlament, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**